TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Ann Jillians

Vs

Richard Furniture

CCT 11/21/MM

Illum, 10 ta' Jannar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-25 ta' Jannar 2021 fejn talbet is-somma ta' tliet elef, erba' mija u sittin Ewro (€ 3,460) prezz ta' għamara (*bedroom* set) ordnata mingħand l-intimat li skontha kienet kbira żżejjed iktar milli ordnata.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata fejn fl-ewwel lok issottomettiet illi l-ordni saret taħt l-isem ta' ċertu Gracie Chalker u għalhekk ma kienx hemm ness mar-rikorrenti; illi fl-ebda ħin ma ġiet mitluba tmur tieħu l-qisien u dan kontra kull prassi; illi l-intimata kienet ħejjiet *sketch* li kien hemm qbil dwaru; illi kien hemm trepass ta' xahrejn minn meta saret l-ordni sa kemm ġiet ikkonsenjata l-għamara sabiex ir-rikorrenti tivverifika li kienet ċerta li l-għamara toqgħod ġol-kamra in kwistjoni; illi l-intimata ma tistax tinżamm responsabbli ta' kejl li sar minn terz persuna meta hu ma kienx rikjest li jmur fuq il-post; illi mal-konsenja, ir-rikorrenti kienet kuntenta bl-għamara u ħallset il-bilanċ tal-prezz u kien biss tliet (3) xhur wara li hija ilmentat mil-qies tal-għamara; illi r-rikorrenti qegħda tinkludi l-prezz tas-saqqu liema talba ma treġix.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienet ordnat sett tal-kamra tas-sodda mingħand il-konvenuta. Illi hija ssostni li din l-ghamara kienet ikbar minn dik orndnata minnha u sabiex tipprova dan ipprezentat sett ta' ritratti jindikaw il-kejl li hija ħadet imqabbla ma' Dok MJ 2 li hija *sketch* imħejjija mill-konvenut.

Illi xehed impjegat tal-konvenuta Stephen Felice fejn saħaq li huwa jaħdem l-għamara. Huwa kien mexa fuq il-qisien li jinsabu f'Dok MJ 2 u mar fuq il-post *wara* li l-għamara nħadmet u tqiegħdet. Huwa jinsisti li f'dan il-każ partikolari l-klijenta kienet xtaqet li s-sodda tkun bil-*hydraulic* u għalhekk minħabba dan il-mekkaniżmu is-sodda tikber. B'mod pertinenti hu ġie mistoqsi mit-Tribunal jekk setgħax jieħu in konsiderazzjoni il-fatt li l-ordni kienet li s-sodda ssir bil-*hydraulic* u għalhekk inaqqas il-qies, iżda huwa sostna li f'dan il-każ dan ma kienx possibli il-għaliex is-saqqu kien diġa mixtri mir-rikorrenti u kellu jinħadem fuqu.

Ir-rikorrenti tistqarr saħansitra li hi l-miżuri ma kienetx tafhom u kienet ħalliet f'idejn ir-raġel li kienet qabbdet oħtha, fejn anki l-istess ordni tal-għamara kienet saret minn oħtha Grace Chalker peress li l-għamara kienet rigal. Lill-konvenut, ir-rikorrenti kienet għamlet kuntatt miegħu tilmenta li ma kienetx qegħda taqbel mal-miżuri wara trepass ta' tliet (3) xhur.

Illi r-raġel li kienet qabbdet oħt ir-rikorrenti irriżulta li kien jismu Jesmond Gillhard. Hu jikkonferma li kien ħa l-qisien tas-sodda u mhux tas-saqqu. Il-qisien ħadu hu u kkonsenjah lir-rikorrenti sabiex tgħaddieh lill-konvenut. Hu ma kienx f'pożizzjoni jikkonferma jekk il-qisien effettivament ghaddewx mingħand ir-rikorrenti lill-konvenut u di fatti hu lill-konvenut ma jafux.

Min-naħa l-oħra, Anthony Seguna, f'isem il-kumpannija konvenuta jgħid li r-rikorrenti dejjem sostniet li s-sodda tkun l-istess qisien bħal dik tal-ħanut. Hu saħansitra jinsisti li peress li qisien ma tawhx, biex ma jkunx hemm tilwim il-quddiem huwa kien penġilhom l-għamara skont MJ 2.

Ikkunsidra

Illi l-pern tal-kwistjoni tar-rikorrenti tirrigwarda l-fatt li effettivament jirriżulta li l-kamra tas-sodda hija verament ikbar minn kemm tiflaħ il-kapaċita' tal-kamra tar-rikorrenti.

Madanakollu, hemm bżonn jiġu kkunsidrati l-possibilitajiet għalfejn din il-kamra hija ikbra minn kif mixtieqha. Ir-rikorrenti tgħid li hija fdat f'idejn wiehed raġel li jaf l-oħtha, li dan pero' qatt ma kellu kommunikazzjoni diretta mal-intimata, dan l-istess raġel jgħid li ħa l-qisien iżda ma jistax jikkonferma jekk dawn ġewx effettivament mgħoddija lill-intimata, filwaqt li l-impjegat tal-kumpannija Stephen Felice jgħid li wara li ħa in konsiderazzjoni l-qisien kif preparati mill-imgħallem tiegħu, Anthony Seguna li kienu jikkorrispodu għas-sodda li kienet tinstab fis-*showroom* huwa kellu bilfors ikabbar ix-xogħol minħabba li r-rikorrenti kienet diġa xtrat is-saqqu bil-*hydraulic.*

Illi dan it-Tribunal ma jistax ma jinnutax il-konfużjoni interna li kien hemm bejn ir-rikorrenti u n-nies li fdaqt fihom u ċertament il-kumpannija konvenuta ma tistax taħti għall-nuqqas ta' istruzzjonijiet ċari min-naħa tar-rikorrenti, meta effettivament hi stess tammetti li l-qisien ħadhom terz, il-ħlas sar minn terz, jirriżulta li s-saqqu kien diġa mixtri, u indunat li s-sodda kienet kbira wisq għall-kamra wara trepass ta' tliet (3) xhur !

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa l-eċċezzjonijiet tal-intimat filwaqt li jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru